**Deċizjoni tas-Sedja mogħtija minn Mr Speaker l-Onor Louis Galea f'Seduta numru 5 tad-19 ta' Mejju, 2008.**

*Mistoqsijiet supplimentari - Ordni Permanenti 26, 27, 32, 197*

Fil-ħin tal-mistoqsijiet tas-Seduta numru 4 ta' nhar l-Erbgħa, 14 ta' Mejju, 2008, waqt li għamel Punt ta' Ordni l-Onorevoli Joe Mizzi talab lis-Sedja taqtagħha jekk interpellanza supplimentari magħmula mill-Onorevoli Noel Farrugia lill-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, l-Onorevoli George Pullicino, kellhiex x'taqsam jew le ma' l-interpellanza oriġinali.

Biex is-Sedja tagħti d-deċizjoni mitluba mill-Onorevoli Joe Mizzi ħteġilha teżamina l-kwestjoni b'mod aktar wiesgħa biex tiċċara x'għandha tkun il-pożizzjoni korretta fil-Kamra fir-rigward ta' interpellanzi supplimentari. Għal dan l-iskop is-Sedja eżaminat dawn l-għejjun ta' riferenza : l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati (1), l-Standing Orders of the House of Commons (2), u l- Parliamentary Practice ta' Erskine May (3).

Jibda biex jingħad li filwaqt li l-materja ta' interpellanzi parlamentari hija regolata mill-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra numri 26 sa 32, l-istess Ordnijiet ma jsemmu xejn dwar interpellanzi supplimentari u kif dawn għandhom jiġu regolati.

F'każ bħal dan l-istess Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tagħna jipprovdu, f'Ordni numru 197, li "wiehed għandu jirrikorri għar-regoli, modi, uzanzi u drawwiet tal-House of Commons tal-Parlament tar-Renju Unit, li għandhom jiġu segwiti safejn jistgħu jiġu applikati għall-proċeduri tal-Kamra b'konsiderazzjoni xierqa għan-natura speċjali tal-Kostituzzjoni." F'dan l-istadju s-Sedja tiġbed l-attenzjoni għat-tassattività ta' din l-Ordni bil-kliem "...wieħed għandu jirrikorri..." u hu ċar li l-leġislatur għazel li ma jħallix diskrezzjoni f'idejn is-Sedja fir-regolamentazzjoni ta' każijiet u proċeduri li mhumiex koperti espliċitament bl-Ordnijiet Permanenti.

L-Standing Orders of the House of Commons jirregolaw l-materja ta' interpellanzi iżda, bħal fil-każ ta' l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati, mhux ta' interpellanzi supplimentari.

Meta jikkonsidra l-"modi, użanzi u drawwiet tal-House of Commons tal-Parlament tar-Renju Unit" fuq dan is-suġġett wieħed isib li l-materja ta' interpellanzi supplimentari hija trattata b'mod pjuttost ċar.

Is-Sedja jidhrilha li tajjeb hawn tiċċita estensivament il-parti fl-Erskine May li tittratta "Oral answers and supplementary questions" (4). Insibu miktub hekk : "An answer should be confined to the points contained in the question, with such explanation only as renders the answer intelligible, though a certain latitude is permitted to Ministers of the Crown; and supplementary questions, without debate or comment, may, within due limits, be addressed to them, which are necessary for the elucidation of the answers that they have given. The Speaker has stressed that the length of both ministerial replies and supplementary questions should be curbed...In accordance with the recommendation of the Select Committee on Parliamentary Questions, the Speaker has indicated that he would not necessarily call for a supplementary question every Member who had placed an identical question on the Order Paper. When an answer has been refused on security grounds, the Speaker has not allowed further supplementary questions. A supplementary question may refer only to the answer out of which it immediately arises, must not be read or be too long, must not refer to an earlier answer or be addressed to another Minister and is governed by the general rules of order affecting all questions. The Speaker has refused to call Members to ask a supplementary question to Ministers (other than the Prime Minister) when their original question was of so general a character as to provide a wide area for supplementaries; this has been interpreted as applying particularly to questions about meetings or visits..."

Is-Sedja qieset l-Ordni Permanenti numru 27 li tgħid li "L-iskop xieraq ta' interpellanza jkun li jinkiseb tagħrif dwar ħaġa ta' fatt fit-tagħrif speċjali tal-Membru li lilu tkun saret." Minn dak li s-Sedja iċċitat aktar 'il fuq jirriżulta li interpellanza supplimentari għandha tkun ammissibbli, fi ħdan ċerti limiti xierqa, bil-ħsieb li jiġu iċċarati xi aspetti tat-tweġiba mogħtija.

Dan jimplika biċ-ċar li interpellanza supplimentari għandha biss tirreferi għat-tweġiba li tkun għadha kif ingħatat u allura rilevanti għall-interpellanza oriġinali. Fil-fatt din hi l-prassi li b'mod ġenerali ġiet stabbilita matul is-snin f'din il-Kamra anke jekk kien hemm diversi okkażjonijiet meta l-Membri tħallew jiddipartixxu minnha.

L-interpellanza supplimentari għandha tkun fil-qosor kemm jista' jkun, mhux moqrija, bla kumment u bla dibattitu. Ma tistax tirreferi għal xi twegiba preċedenti u lanqas indirizzata lil xi Ministru ieħor. Għall-finijiet l-oħra, imbagħad, l-interpellanzi supplimentari huma regolati mill-Ordnijiet Permanenti bl-istess mod bħall-interpellanzi oriġinali.

Issemma il-punt li għandha titħalla fid-diskrezzjoni tal-Ministru li jkun qed iwieġeb l-interpellanza jekk iweġibx interpellanzi supplimentari li mhumiex marbuta ma' l-interpellanza jew tweġiba oriġinali. Bla preġudizzju għall-prassi adottata regolarment li s-Sedja ma tidħolx fit-tweġiba tal-Ministru, la darba x-xogħol tal-Kamra hu soġġett għall-Ordnijiet Permanenti, inkluż kif provdut bl-Ordni Permanenti 197, is-Sedja hi marbuta li tassigura l-osservanza tagħhom mill-Membri kollha f'kull ħin u ċirkostanza. Dan ifisser li mhux f'loku li l-osservanza ta' l-Ordnijiet Permanenti titħalla fid-diskrezzjoni ta' xi Membru jew ieħor.

Għandu jiġi konsidrat ukoll li s-Sedja hi fid-dmir li tipproteġi l-Ħin tal-Mistoqsijiet għal Tweġibiet Orali għall-Membri kollha u allura għandha tara li tagħti l-opportunità li jpoġġu l-interpellanzi tagħhom lill-akbar numru ta' Membri possibbli li jkollhom il-Mistoqsijiet tagħhom fuq l-Agenda tas-Seduta. Jista' jagħti l-każ, kif ġara kemm-il darba fil-Kamra, li interpellanzi supplimentari li jsiru fuq xi interpellanza u tweġiba partikolari jieħdu l-ħin allokat għal Mistoqsijiet b'detriment għad-dritt ta' Membri oħra li jkollhom l-interpellanzi tagħhom għal twegibiet orali. Fi ħdan limiti xierqa biex jiġu ċċarati twegibiet mogħtija għall-interpellanzi permezz ta' interpellanzi supplementari, l-iskop tal-ħin tal-mistoqsijiet għandu jkun li l-akbar numru possibbli ta' interpellanzi ta' Membri jiġu mwieġba b'mod orali mill-Ministri li lilhom jiġu indirizzati.

M'hemmx dubju li hi s-Sedja li tiddeċiedi l-ammissibilità ta' interpellanzi u interpellanzi supplimentari dejjem skond l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra. Fil-paragrafu intitolat "Speaker's control of questions" fl-Erskine May insibu " The Speaker is the final authority as to the admissibility of questions...When a question has been refused and the Member concerned wishes to make representations to the Speaker on the matter, the practice is for these to be made privately to the Speaker and not raised by way of a point of order in the House (5)."

Ngħaddi issa biex is-Sedja tikkonsidra t-talba għal deċizjoni partikolari dwar l-ammissibilità ta' l-interpellanza supplimentari ta' l-Onor Noel Farrugia indirizzata lill-Ministru għar-Rizorsi u Affarijiet Rurali.

L-Onorevoli Farrugia intervjena fuq interpellanza oriġinali magħmula mill-Onorevoli Edwin Vassallo lill-imsemmi Ministru biex " jgħid, mill-istatistika miġbura kemm inġiebu lejn Malta ħxejjex u frott mill-Unjoni Ewropea minn April 2007 sa April 2008". Il-Ministru wiegeb li l-Ministeru ma jżommx dan it-tip ta' statistika.

Fl-interpellanza supplimentari tiegħu l-Onorevoli Farrugia qal hekk :

"Sur President, bil-permess tal-Ministru, xtaqt nistaqsih jekk waslux xi rapporti, fid-dipartimenti konċernati jew il-Ministeru tiegħu, li twaqqfu xi sussidji fuq il-ħxejjex u l-frott li kien normali u kien fin-normi li jingħataw? (6)"

Diġà mill-impostazzjoni ta' l-interpellanza supplimentari jirrizulta li anke l-Onorevoli Farrugia kien x'aktarx diġà qed jifhem li din ma kienetx marbuta mat-tweġiba oriġinali tant li l-Onorevoli Membru premetta l-interpellanza tiegħu fuq il-"permess tal-Ministru".

Eżami komparattiv ta' l-interpellanza, t-twegiba u l-interpellanzi supplimentari u t-tweġibiet relattivi li segwew għandu juri li l-interpellanza supplimentari in kwestjoni ma kellhix rabta ma' l-interpellanza u t-twegiba oriġinali. Dawn ta' l-aħħar kienu jirrigwardaw ħxejjex u frott importat mill-Unjoni Ewropea filwaqt li l-interpellanzi supplimentari kienu neċessarjament jirrigwardaw skemi ta' sussidju fuq frott u ħxejjex koltivati lokalment.

L-Onorevoli Joe Mizzi kellu raġun fuq il-Punt ta' Ordni meta qal li hija s-Sedja li tiddeċiedi interpellanza hijiex ammissibbli jew le u mhux il-Membru li jagħmilha jew li jkun qed iwieġeb. Is-Sedja aktar minn fiduċjuza li l-Onorevoli Membri ta' din il-Kamra għandhom il-ħila u s-sens li jiġġudikaw sew l-interpellanzi oriġinali kif ukoll dawk supplimentari humiex ammissibbli skond l-Ordnijiet Permanenti ta' din il-Kamra kif qed jiġu ċċarati mis-Sedja. Hu għalhekk li s-Sedja titlob il-koperazzjoni ġentili tal-Membri biex jgħinuha kemm jista' jkun tħalli fl-awtoregolamentazzjoni tagħhom il-kwestjoni ta' l-ammissibilità o meno ta' l-interpellanzi minnhom magħmula sew fi stadju oriġinali kif ukoll fi stadju supplimentari. Naturalment hu dmir tas-Sedja tintervjeni, u hekk ser tagħmel, f'każ li jkun hemm bżonn għall-aħjar andament tat-tmexxija tal-Kamra skond kif imfisser f'din id-deċizjoni.

Għaldaqstant napprezza jekk fil-bidu ta' din il-Leġislatura l-Onorevoli Membri jirrinfreskaw il-memorja dwar Ordnijiet Permanenti in generali u b'mod partikolari dwar kif dawn u l-Erskine May jirregolaw il-materja ta' interpellanzi biex jagħrfu jirregolaw ruħhom aħjar u jiġu evitati ekwivoċi bla bżonn fil-Kamra.

Fl-aħħarnett infakkar li l-Kostituzzjoni ta' Malta, f'Artikolu 67 (1), tipprovdi li "...il-Kamra tad-Deputati tista' tirregola l-proċedura tagħha stess.". Nemmen li wasal iż-żmien li, bl-għajnuna tar-rapport dwar ir-Reviżjoni ta' l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati, redatt mill-President Emeritu Dottor Ugo Mifsud Bonnici u

mpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra fit-18 ta' Lulju, 2007, mill-predeċessur tiegħi l-Onorevoli Mr Speaker Anton Tabone, l-Onorevoli Membri jogħġobhom jindirizzaw il-materja tar-revizjoni ta' dawn l-Ordnijiet Permanenti.

Sadanitant is-Sedja tagħmel ħilitha biex tapplika u tinterpreta bl-aħjar mod dawk viġenti.

----------------------------------------------------------------------------

1. Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati, Stampat fl-Istamperija tal-Gvern, Malta.

2. Standing Orders of the House of Commons, 2007, The Stationery Office, London,.

3. Parliamentary Practice, Erskine May, Twenty-third Edition, Butterworths, London.

4. Erskine May, 23rd Edition, pp 354-355.

5. Erskine May, Parliamentary Practice, Twenty-second Edition, Butterworths, p 294

6. Mit-traskrizzjoni mhux editjata tas-Seduta ta' l-14 ta' mejju, 2008.